MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 192/2013

**Mobisle Communications Limited
C 24655
Vs
Galea Keith
ID No. 155880M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 t'April, 2013 fejn il-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' tlett mija u tmien ewro u sitta u tmenin centezmu (€308.86) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40173249* moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali ta' Malta u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tmien ewro u sitta u tmenin centezmu (€308.86) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------